MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Numru 11/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Marthese Micallef)**

**vs**

**John Lautier ta' 58 sena, iben Carmelo u Concetta nee Cesare, mwieled Bormla, fit-22 ta' April, 1944 u joqghod 'Sacred Heart', Triq il-Merhba, Fgura, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 436544 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi John Lautier li gie akkuzat talli bejn is-6/9/96 u 23/4/01 fil-5, Sacred Heart, Triq il-Merhba, Fgura bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna li ghandu f'idejh l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda

(1) Ikkommetta serq ta' kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm 50 u anqas minn Lm 1000 (Lm 258.12.2) ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur
(2) Ghamel hsara jew kiser parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom (hsara stmata madwar Lm 25).

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat ukoll li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat ukoll li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri kif ukoll li ma' l-interrogatorju ammetta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet ukoll lil Silvio Decelis, rapprezentant tal-Korporazzjoni li l-akkuzat hallas l-ammont mertu ta' l-akkuza.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 261, 264, 267, 279, 280 tal-kap 9, rat il-fedina penali tieghu li hija mhux ghal kollox refrattarja. Rat l-art 9 tal-Kap 152 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-llum.

---------------------------------TMIEM---------------------------------